MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 1651/2010

**Lighthouse Communications Limited**
**C21425**
**vs**
**Elektra Limited**
**C3583**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' sitt mija u sebgha u tmenin Euro u disa' centezmi (€687.09c) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha stess u li baqa' ma thallasx;

Illi minkejja li giet interpellata thallas diversi drabi din baqghet inadempjenti (ara kopja tal-ittra bonarja datata 29 ta' Marzu 2010, annessa u mmarkata bhala Dok.'B');

Illi qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet dekoribbli mid-data tal-fatura relattiva (indikata fuq il-prospett anness u mmarkat Dok.'A') sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rati permessi mil-ligi;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li hija ingunta in subizzjoni, inkluzi dawk tal-ittra bonarja fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi preliminarjament it-talba tas-socjeta' rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba tas-socjeta' rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan ghaliex kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza m'huwiex minnu li gew rezi servizzi lis-socjeta' intimata fuq ordnijiet taghha stess, kif qed tallega s-socjeta' rikorrenti. Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' rikorrenti.

Ra r-rikors tas-socjeta' konvenuta, datat 15 ta' Gunju 2011, in-nota tas-socjeta' attrici tal-istess data, u d-digriet ta' dan it-Tribunal, moghti fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2011, li permezz tieghu giet milqugha t-talba tas-socjeta' konvenuta, li tizdied eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2149(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta datata 2 ta' Ottubru 2012.

Ra s-sentenza preliminari datata 16 ta' Novembru 2012 dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet finali pprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob hlas tal-ammont ta' sitt mija sebgha u tmenin Euro u disa' centezmi (€687.09c) rizultanti minn fattura datata 26 ta' Ottubru 2007. Illi kif kellu okkazjoni li jixhed ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, dan l-ammont jirraprezenta l-hlas dovut ghal servizz ta' disinn ta' kuncett u *scripting* ghal reklam ta' tletin-(30) sekonda ntiz ghat-televizjoni, u aktar precizament hlas ghal laqgha mar-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll ghal-laqghat interni ta' *brainstorming* sabiex jigi mhejji l-*conceptualization* tal-kuncett, fost xoghol preparatorju iehor. Illi dan ix-xoghol sar fil-kuntest

ta’ relazzjoni kummercjali bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti, fejn dik konvenuta kienet inkarigat is-servizzi tas-socjeta’ attrici sabiex jigi mhejji materjal ta’ reklamar u materjal promozzjonali. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici kkonferma illi kienet l-istess socjeta’ attrici, tramite ta’ impjegati taghha, illi pproponiet illi s-socjeta’ konvenuta testendi r-reklamar taghha ghall-mezz tat-televizjoni, u nharget stima dwar l-ispejjez in rigward, izda s-socjeta’ konvenuta wara li kellha din il-laqgha, informat lis-socjeta’ attrici illi ma xtaqietx tipprocedi b’dan il-mezz ta’ reklamar ghaliex il-*budget* tas-socjeta’ konvenuta intiz ghal dan l-iskop ma kienx jippermetti ghal tali spiza. Illi in segwitu ghal din il-komunikazzjoni, is-socjeta’ attrici harget il-kont mertu ta’ din il-kawza, sabiex tottjeni hlas ghas-servizzi li kienu gew rezi mill-impjegati tas-socjeta’ attrici in rigward ix-xoghol preparatorju li kien sar.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta ddikjarat illi impjegati fi hdan is-socjeta’ konvenuta kienu pproponew illi l-kampanja ta’ reklamar tal-prodotti u servizzi li tipprovdi s-socjeta’ konvenuta jigu estizi ghal-mezz tat-televizjoni, oltre dik li ‘gia kien hemm fis-sehh fuq il-mezzi tax-xandir l-ohra, bhal radio u gazzetti, u wara li giet esplorata din il-possibilita’, ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta – tramite ta’ e-mail datata 27 ta’ Settembru 2007 (a fol.194) – gharrfet lis-socjeta’ attrici illi ma kienitx interessata fir-reklamar fuq it-televizjoni. Illi s-socjeta’ konvenuta ma kienet ghamlet ebda rikjesta lil dik attrici sabiex twettaq ebda xoghol preparatorju dwar dan ir-reklamar fuq it-televizjoni, u lanqas ma giet informata illi kien ser ikun hemm xi spejjez sabiex jiddiskutu l-ideat dwar din il-kampanja ta’ reklamar fuq it-televizjoni. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta ssostni illi l-uniku laqgha li nzammet mar-rapprezentanti tas-socjeta’ konvenuta kienet ntiza sabiex jesploraw il-possibilita’ dwar jekk ghandhomx jidhlu f’kampanja ta’ reklamar fuq dan il-mezz tax-xandir, u fl-ebda waqt ma taw ebda struzzjonijiet sabiex jigi mwettaq xi xoghol in rigward dan il-progett. Illi l-istess rapprezentant iddikjarat illi f’dak li jirrigwarda xogholijiet ohra li kienu jigu mwettqa mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta, dawn ix-xogholijiet kienu – fil-generalita’ taghhom – jigu approvati mill-istess socjeta’ konvenuta qabel ma jigu mwettqa, u f’dan ir-rigward is-socjeta’ konvenuta pprezentat serje ta’ e-mails li kienu jigu skambjati bejnha u impjegat fi hdan is-socjeta’ attrici.

Illi l-istess gie dikjarat minn rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta li dak iz-zmien kienet involuta fil-gestjoni tal-istess kumpanija, u kkonfermat illi kienu impjegati fi hdan is-socjeta’ attrici illi pproponew reklamar fuq it-televizjoni, u l-istess rapprezentanti tas-socjeta’ konvenuta ltaqghu maghhom sabiex jiddiskutu dwar din il-possibilita’, li madanakollu, ma

kienitx fattibbli. Iddikjarat ukoll illi s-socjeta' konvenuta ma tat ebda struzzjonijiet lis-socjeta' attrici sabiex twettaq xi xoghol in rigward dan il-progett ta' reklamar fuq it-televizjoni, u lanqas ma gew avzati illi kien ser ikun hemm xi spejjez ghal-laqgha u xoghol preparatorju li kien sar.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa f'dawn il-proceduri jirrizulta illi kienet tezisti relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet kontendenti, in kwantu s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat is-servizzi tas-socjeta' attrici sabiex jigi mwettaq xoghol ta' reklamar in rigward il-prodotti u servizzi li kienet toffri s-socjeta' konvenuta. Illi f'dan ir-rigward jidher illi tali reklamar kien isir f'supplementi ta' gazzetti, fuq diversi stazzjonijiet tar-radio, kif ukoll fuq *billboards, livery* u anke *brochures* tal-kulur. Illi f'dan ir-rigward is-socjeta' attrici dejjem irceviet il-hlas dovut minghand is-socjeta' konvenuta, li qatt ma jidher li kellha ebda lment dwar ix-xoghol imwettaq – salv, possibilment ghal xi dewmien fl-ezekuzzjoni tal-istess, u dan kif jirrizulta mill-iskambju ta' korrispondenza, ossia e-mails, li jinsabu a fol.157 *et seq* tal-atti, senjatament mill-*e-mail* a fol.212 tal-atti – u tali xoghol ta' reklamar kien jigi approvat mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. Illi l-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta hija in rigward fattura specifika, dik datata 26 ta' Ottubru 2007 (a fol.15 u 90 tal-atti), li tittratta dwar *Elektra 30 sec TV Commercial Internal and External meeting with copy writer including brainstorming sessions for origination of Concept and Scripting for a graphically animated 30 sec TVC visual of Storyboard Origination including art direction, 3D animation framework for TVC*. Illi s-socjeta' attrici kienet irrilaxxjat stima (li kopja taghha tinsab a fol.27(A) tal-atti), li tittratta dwar l-ispiza sabiex jigi mhejji reklam li seta' jintuza fuq it-televizjoni; illi s-socjeta' konvenuta, in segwitu ghal-laqgha illi kellha ma' persuni fi hdan is-socjeta' attrici, gharrfet lill-istess socjeta' attrici illi ma kienitx bil-hsieb illi tipprocedi b' dan il-progett ta' reklamar fuq it-televizjoni, u kien in segwitu ghal tali *e-mail* illi s-socjeta' attrici harget il-fattura mertu ta' din il-kawza sabiex titlob hlas ghax-xoghol preparatorju illi kienet wettqet in rigward ta' dan ir-reklam. Illi s-socjeta' konvenuta tikkontendi illi m'ghandhix twettaq hlas ghal tali xoghol in kwantu (i) tali proposta ta' reklamar b'dan il-mezz tax-xandir sar mis-socjeta' attrici, u mhux ghaliex kien hemm xi rikjesta jew interess mis-socjeta' konvenuta, (ii) illi s-socjeta' konvenuta ma gietx informata jew avzata illi ser ikun dovut hlas ghal tali xoghol preparatorju u ghal-laqgha li nzammet, u (iii) is-socjeta' konvenuta ma tatx l-

approvazzjoni taghha ghat-twettiq ta’ ebda xoghol in rigward ta’ dan il-progett ta’ reklamar fuq it-televizjoni, u ghalhekk m’ghandhix tkun tenuta li twettaq ebda hlas.

Ikkunsidra,

Illi mid-dokument li jinsab esebiet a fol. 196 et seq tal-atti jirrizulta illi s-socjeta’ attrici kienet hejjit *marketing proposal* ghall-finijiet ta’ reklamar tal-prodotti u servizzi li s-socjeta’ konvenuta toffri u tipprovdi, liema proposta kellha tkopri l-perjodu bejn Ottubru 2007 sa Dicembru 2007. Illi f’tali proposta hemm inkluz ukoll il-possibilita’ ta’ reklamar fuq it-televizjoni, u kwindi stima tal-ispiza ghall-produzzjoni u disinn ta’ tali reklam. Illi permezz tal-e mail datata 27 ta’ Settembru 2007, is-socjeta’ konvenuta gharrfet lis-socjeta’ attrici illi ma kienitx qed tilqa’ l-proposti taghha dwar reklamar – inkluz f’dak li jirrigwarda r-reklam fuq it-televizjoni. Illi in segwitu ghal tali e-mail is-socjeta’ attrici harget fattura li permezz taghha talbet hlas ghal “... *servizzi rezi lis-socjeta’ konvenuta fuq ordnijiet taghha stess* ...”. Illi mill-provi li gew imressqa rrizulta sodisfacentement illi r-reklamar fuq it-televizjoni kienet proposta li giet imressqa mis-socjeta’ attrici, liema proposta is-socjeta’ konvenuta ma accettathix. Illi kif gie rilevat mis-socjeta’ konvenuta fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, is-socjeta’ attrici ma tat ebda hjiel fil-fattura rilaxxjata minnha dwar kif waslet ghall-ammont reklamat f’din il-kawza, u lanqas mill-provi mressqa mis-socjeta’ attrici ma jirrizulta sodisfacentement f’hix jikkonisti u x’jikkomprendi dan l-ammont. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici li xehed f’dawn il-proceduri ddikjara illi x-xoghol li dwaru nharget il-fattura ma wettqux hu – ghaliex hu ghandu kariga manigerjali – u ghalkemm iddikjara f’termini generali x’seta’ sar bhala xoghol preparatorju ghal-laqgha li nzammet mar-rapprezentanti tas-socjeta’ konvenuta sabiex tigi diskussa l-possibilita’ illi jigi mhejji reklam ghat-televizjoni, madanakollu, naqas milli jaghti rendikont sodisfacenti ta’ tali xogholijiet u l-hin impjegat fit-twettiq ta’ dan ix-xoghol, b’tali mod li jwassal ghall-konvinciment illi l-ammont reklamat huwa dovut ghal xoghol li effettivament sar. Illi fid-dawl tal-fatt illi s-socjeta’ attrici kienet ghadha fi stadju fejn qed tressaq il-*marketing proposal* taghha lis-socjeta’ konvenuta, li da parti taghha kienet ghad trid tikkonferma l-accettazzjoni taghha tal-istess, allura s-socjeta’ attrici ma tistax arbitrarjament u unilateralment titlob hlas minghand is-socjeta’ konvenuta ghal servizzi li ghadhom ma gewx mitluba u kkonfermati. Illi se mai, is-socjeta’ attrici kellha tkun aktar cara dwar il-posizzjoni taghha, in kwantu kellha tindika kjarament illi kienet qed tirrizerva l-posizzjoni taghha li titlob hlas ghal kwalunkwe xoghol preparatorju li tkun wettqet

kemm-il darba s-socjeta’ konvenuta ma tinkarigax is-servizzi taghha sabiex jigi mwettaq ix-xoghol propost.

Illi ladarba rrizulta kjarament illi s-socjeta’ konvenuta ma nkarigatx lis-socjeta’ attrici sabiex twettaq ix-xoghol ta’ reklamar fuq it-televizjoni, anzi rrizulta illi kienet is-socjeta’ attrici li kienet qed tittenta tbiegh dan il-prodott lis-socjeta’ konvenuta, u din tal-ahhar iddikjarat espressament illi ma kienitx interessata f’tali prodott, allura l-istess socjeta’ konvenuta ma ghandhix tigi tenuta illi twettaq hlas ghal tali prodott, u dan partikolarment ladarba mill-atti processwali ma jirrizultax sodisfacentement f’hix kien jikkonsisti l-allegat *brainstorming, conceptualization* u *creative design* li sar minn impjegati fi hdan is-socjeta’ attrici.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, qed jichad it-talba tas-socjeta’ attrici.

L-ispejjez, inkluz tas-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## **< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------